



# Ktejjeb għall-Ġenituri

TA' LESBJANI
IRĠIEL GAY
BISESSWALI
TRANSGENDER JEW
PERSUNI QUESTIONING

# Definizzjonijiet

Definizzjonijiet

**Omosesswali:** (Lesbjana/Raġel Gay) Persuna li hija attratta emozzjonalment u sesswalment lejn persuna ta' l-istess sess.

**Bisesswali:** Persuna li hija attratta emozzjonalment u sesswalment lejn persuna irrispettivament mis-sess tiegħu jew tagħha.

**Eterosesswali** Persuna li hija attratta emozzjonalment u sesswalment lejn persuna tas-sess oppost.

**Transgender** Persuna li tidentifika lilha nnifisha mas-sess oppost minn dak li ġiet assenjata fit-twelid. Din il-persuna jista' jkun li tbiddel is-sess tagħha biex tkun taqbel ma' l-identità maskili/femminili tiegħu jew tagħha.

**Trasvestit** Persuna li tħoss il-bżonn li tilbes ħwejjeġ tipiċi tas-sess oppost, għalkemm tibqa' tidentifika mas-sess tiegħu jew tagħha.

**Questioning** Persuna li għadha fil-proċess li tgħaraf l-orjentazzjoni sesswali jew identità maskili/femminili.

**LGBTQ** huma sinonimi għal persuni li jidentifikaw lilhom infushom rispettivament bħala Lesbjana, raġel Gay, Bisesswali, Transgender jew Questioning.

## It-tort tiegħi?

Bosta ġenituri jħossuhom ħatja meta jiskopru li t-tfal tagħhom huma LGBTQ u jaħsbu li jkunu għamlu xi ħaġa ħażina fit-trobbija tat-tfal tagħhom. Persuni LGBTQ jinstabu f'kull tip ta' familja irrelevanti mill-ambjent li jkunu trabbew fih.

Il-verità hija li għal ħafna ġenituri hija aktar faċli li jagħtu tort lilhom infushom milli jaffrontaw il-fatt li hemm xi ħaġa dwar uliedhom li huma qatt ma kienu jafu biha.







## Emozzjonijiet

Emozzjonijiet

Ħafna ġenituri jħossuhom ixxukjati, konfużi, diżappuntati, mweġġgħin, irrabjati jew ħatja meta l-ewwel isiru jafu. Għalhekk importanti li jsibu mqar persuna ma' min jiftħu qalbhom u li tifhimhom għaliex dan inaqqas ir-riskju ta' ġlied u argumenti fil-familja. Xi ġenituri jgħidu li aċċettaw li t-tfal huma LGBTQ, għalkemm minn ġewwa jħossuhom imdejqin.

## Mhix marda

Mhix marda

Ħafna ġenituri jistaqsu jekk din hiex kundizzjoni li tista' titfejjaq. Ir-risposta hija li persuni LGBTQ m'humiex morda, u l-edba terapija mmirata li tbiddel l-identità maskili/femminili jew l-orjentazzjoni sesswali tagħhom ma jista' jkollha suċċess mingħajr ħsara psikoloġika, emozzjonali, fiżika u spiritwali.

## Mhux fażi

Mhux fażi

Għal ħafna individwi din mhix fażi għalkemm l-adoloxxenza tista' tkun perjodu ta' esperimentazzjoni. Ġeneralment il-persuni jkunu konxji tal-preferenzi sesswali jew l-identità maskili/femminili tagħhom. L-importanti huwa li bħala ġenitur tappoġġja l-ulied bħala persuni sħaħ fl-identità tagħhom kif ukoll fl-għażliet li finalment jagħmlu mingħajr ma tistenna li ser jinbidlu.



## Mhix għażla

L-orjentazzjoni sesswali jew identità maskili/femminili mhix għażla, iżda parti integrali tal-personalità, preżenti mill-bidu, li tiżviluppa maż-żmien. Hija normali li bħala ġenitur tistaqsi ċertu mistoqsijiet. Forsi tħoss li xi ħadd influwenza lit-tifel/tifla tiegħek jew li hemm xi raġuni ġenetika. Il-verità hija li ħadd u xejn m'għamel lit-tifel/tifla LGBT. Il-probabiltà hija li ilhom xi żmien iħossuhom differenti.

## HIV/AIDS

Kull persuna li hija sesswalment attiva, kemm jekk eterosesswali kif ukoll LGBTQ, hija fir-riskju li tieħu din il-marda specjalment jekk ma tużax protezzjoni. Għalhekk kull ġenitur għandu jkun imħasseb u jassigura li t-tfal jafu l-modi ta' kif l-HIV jiġi trasmess u kif jistgħu jipproteġu lilhom infushom.

Uliedek qed jiġu bullied

## Uliedek qed jiġu bullied

Importanti li t-tfal iħossuhom komdi jiftħu qalbhom miegħek biex tkun tista' tappoġjahom u tintervjeni fejn ikun hemm bżonn. Fi ħdan id-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni hemm ukoll is-Servizz Kontra l-Ibbuljar, dan jista' jiġi kkuntatjat fuq 21231567.



## Tista' tgħin

Tista' tgħin

Meta ġenitur jiskopri jew jirrealizza li xi ħadd mit-tfal huwa LGBT, ir-reazzjoni inizjali tista' tkun waħda negattiva. Għalhekk huwa importanti ħafna li tipprova tifhem, toffri l-appoġġ tiegħek u taċċetta l-identità LGBT tat-tifel/tifla tiegħek. Għalkemm l-aspettativi għall-futur tat-tfal jista jkun inbidlu, dan ma jfissirx li ma jistgħux jiksbu l-milja tagħhom.

## X’biċċa ġratilna!

X’biċċa ġratilna!

Xi ġenituri jħossu stmerrija għall-fatt li uliedhom huma LGBT. Din l-emozzjoni hija bbażata fuq l-ideja żbaljata li li tkun LGBT hija għażla meħuda biex tweġġagħom. Fil-verità, l-għażla tinsab biss fid-deċiżjoni li jaċċettaw lilhom infushom fin-natura tagħhom u jiftħux qalbhom miegħek jew le.

Aħjar ma sirna nafu b’xejn!

## Aħjar ma sirna nafu b’xejn!

Il-fatt li uliedek waslu biex qalulek dwar xi ħaġa daqshekk personali, tfisser li jafdawk u jħobbuk. Ma jixtiqux li jżommu din il-parti ta’ ħajjithom sigrieta u jittamaw li inti tħobbhom u tirrispettahom għal dak li huma. Fuq kollox, din m’hijiex għażla tagħhom u ma turi l-ebda nuqqas fihom.



**Malta Gay Rights Movement**

32 Parish Street
Mosta MST03
Telephone / Fax: 21430009
Email: mgrm@maltagayrights.org

**www.maltagayrights.org**

National Gay Helpline
21430006

Dan il-proġett twettaq b'fondi
mill-Youth Programme ta' l-Unjoni Ewropeja

Youth

Education and Culture

lgbt youth project



Jekk tixtieq titkellem ma xi ħadd tista’ iċċempel in-**National Gay Helpline** fejn issib voluntiera mħarrġa lesti li jgħinuk.

Dawn jistgħu ukoll jirreferuk għand professjonisti jekk tħoss il-bżonn ta’ aktar għajnuna. Dan is-servizz jopera kull nhar ta’ **Tnejn, Erbgħa u Ġimgħa bejn is-6pm u 9pm**

National Gay Helpline
21430006

Dan il-ktejjeb tfassal minn grupp ta’ żgħażagħ fi ħdan il-Malta Gay Rights Movement b’konsultazzjoni ma’ professjonisti fil-qasam u wara riċerka estensiva.

Dan għax nafu kemm huwa importanti għall-persuni LGBTQ li jħossuhom aċċettati u maħbuba mill-ġenituri tagħhom matul ħajjithom.